MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 87/2000/1

**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI**

**MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.**

Seduta ta' nhar iT-Tnejn 18 ta' Ottubru, 2004 .

**Avviz numru : 87/2000 G2(PC)**

Lloyds (Malta) Limited fil-kwalita' taghha ta' rapprezentanta ex lege u ghalhekk ghan-nom tal-membri ta'Lloyds illi flimkien jifformaw id-ditti assikuratrici ossija sindikati ta' Lloyds illi jgibu n-numru 980 u 218 u li joperaw that l-isem Ensign Motor Policies at Lloyds bhala rapprezentanti lokali ta' l-istess ditti ossija sindikati, liema sindikati qeghdin jagixxu kif jinsabu ssurrogati fid-drittijiet tieghu John Debattista ta' 204A, Vincenti Buildings, Old Bakery Street, Valleta u l-istess John Debattista .

vs

Loreto Bugeja .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjarak responsabbli ghall-incident awtomobilistiku illi sehha fit-30 ta' Jannar 2000 fl-16.30 p.m. fi Triq Birbal, Hal-Balzan, bejn il-vettura tal-marka Opel, bin-numru ta' registrazzjoni JBA 814, koperta mill-atturi taht il-polza ta' assikurazzjoni numru 062729 – 31/10 mahruga fl-1 ta' Novembru 1999 misjuqa minn John Debattista u l-vettura tal-marka Ford bin-numru ta' registrazzjoni CAS 214 proprjeta' ta' Joseph Cauchi u misjuqa minn Loretu Bugeja u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur ;

2. Tillikwida dawn id-danni residwali fis-somma globali ta' hames mitt lira u sebghin centezmu (Lm500.70) kif jidher f'Dok. JD jew somma verjuri illi tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti bl-opera ta' periti u esperti nominandi .

3. Tikkundannah thallas lill-atturi Lloyds (Malta) Limited is-somma ta' erba mija u hamsa u sebghin lira u sebghin centezmu (Lm 475.70) u lill-imsemmi John Debattista s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25) rispettivament jew somom verjuri illi jigu likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti in linja ta' danni .

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-konsult (Lm10) u tal-ittra bonarja tal-4 ta' April, 2000, u tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Mejju 2000 flimkien ma' nota ta' ismijiet tal-istess data u tal-ittra ufficjali u tan-Nota tal-ismijiet pprezentata kontestwalment ma' dana l-avviz, u bl-imghax legali mid-data ta' l-incident, jew data ohra stabilita appositament minn dina l-Onorabbli Qorti, sad-data tal-hlas effettiv

kontra l-konvenut li, minn issa, huwa ngunt ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi

1. L-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione voloris* li tisma' dal-kaz .

2. L-illegittimita tal-persuna tal-atturi li jagixxu fil-vesti taghhom kif indikat .

3. Fil-mertu u minghajr pregudizzju a premess in-nuqqas ta' responsabbilta' tal-konvenuti, li t-talba fil-konfront tal-konvenuti kif dadata hija nfondata fid-dritt u fil-fatt .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jirreklamaw minghand il-konvenut d-danni kkagunati in segwitu ghal kollizzjoni li sehhet bejn vettura misjuqa mill-attur John Debattista u ohra misjuqa mill-konvenut .

Fl-ewwel udjenza l-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu dwar l-inkompetenza *ratione valoris* ta' din il-Qorti, wara li l-atturi ddikjaraw illi l-ammont komplessiv li qed jirreklamaw huwa fis-somma ta' Lm500.70 .

Fil-mertu hadd ma ressaq ebda xhieda . Flimkien ma' l-Avviz taghhom l-atturi pero' pprezentaw skeda tad-danni li huma jippretendu li ghandhom jithallsu lilhom mill-konvenut (Dok. JD a fol. 2 tal-process) . Fil-kors tas-smiegh tal-kawza gew madankollu pprezentati kapitoli ghas-subizzjoni fil-konfront tal-konvenut . Billi dan naqas li jattendi ghall-udjenza li ghaliha giet differita l-kawza ghal dan l-iskop, dawn infethu u nqraw . A tenur tal-ligi ghalhekk gew ukoll dikjarati ammessi .

F'tali cirkostanzi ghalhekk it-talbiet attrici jirrizultaw ippruvati.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet atttrici u :

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghal-incident awtomobilistiku msemmi fl-Avviz ;

2. tillikwida d-danni residwali fis-somma globali ta' hames mitt lira u sebghin centezmu (Lm500.70); u

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici Lloyds (Malta) Limited is-somma ta' erba' mija u hamsa u sebghin lira maltija u sebghin centezmu (Lm475.70) u lill-attur John Debattista s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25) .

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-konsult (Lm10) u ta' l-ittra bonarja tal-4 ta' April 2000 u ta' l-ittra ufficcjali tal-24 ta' Mejju 2000, flimkien ma' nota ta' ismijiet ta' l-istess data u ta' l-ittra ufficcjali u tan-nota tal-ismijietipprezentata kontestalment ma' dan l-Avviz, u bl-imghax legali mid-data ta' l-incident sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------